# Id-Diżappunt

Sergio Grech

Li ġralu dakinhar dam biex insieh. Imbagħad hu!

Jekk kien kollox, introvert ma kienx. Kriżi ta' inferjorità qatt ma kienet ħobżu.

Kellu ħafna x'jaqilgħu. Kien twil. Kellu personalità. Lanqas kienu jibdew miegħu l-aħjar karattri maskili ta' Danielle Steel.

Kellu xogħol tajjeb. Awditur ma' ditta multinazzjonali. Ħafna mid-dħul tiegħu kien imur fuq materjal li jippromovi l-immaġni tiegħu. Faċilment seta' jidher f'xi fotorumanz jew kalendarju.

Xagħru kien jaqtgħu għand Gordon ta' Toni & Guy u mhux għand il-barbier tal-pjazza.

Kien jilbes kollox iffirmat. Ralph Lauren. Gucci. Diesel. Calvin Klein. Hugo Boss. Imqar biex jaħsillek il-karozza. Ma kontx se tarah liebes it-*T-shirt* tal-Banda tal-Madonna tal-Karmnu tal-Fgura.

Kellu min-nisa. Il-gwardarobba kien jibdilha spiss u jekk jista' jkun kull tmiem il-ġimgħa jżanżan il-ġdid.

Il-fwieħa kien iħobbha. Għalih kienet investiment. Chanel. Dior. Prada. Joop! Kollha jfexfixhom skont l-okkażjoni.

Fuq kollox, kien jaf juża għajnejh u fommu.

Kellu ħabta li jġib il-boċċa qrib il-likk meta u fejn jixtieq hu. Kliemu kien taz-zokkor u kellu vokabularju vast ma jintemm qatt waqt xi attakk. Kien jaf sew id-dinja femminili u lill-priża tiegħu kien jaf iżoqqha ftit ftit sakemm kienet taqbeż ħelu ħelu fit-trabokk.

Kien jaf ikun romantiku ma' min kien jinxtara b'dik it-tattika. Fl-istess ħin kien jaf ikun *macho* ma' min kien jogħġbu raġel fuq tiegħu, avventuruż, salvaġġ u bil-leħja tniggżek.

Il-*joie de vivre* li kellu kien impressjonanti u fl-istess waqt infettiv. Wiċċu dejjem daħqan lest għall-mewġ.

Kellu l-*etiquette*. Kellu l-edukazzjoni. Kellu l-manjieri li ħafna rġiel tilfuhom matul is-snin. Kellu s-sinifiteti fl-aqwa tagħhom li kull mara tixxennaq li ssib fis-sieħeb tagħha. Mara qatt ma kien jgħaddi qabilha lanqas jekk kienet tkun sempliċi *maid* jew *waitress*. Il-bieba tal-karozza kien jiftaħha dejjem hu meta tiġi biex titla' mara fil-karozza tiegħu. Fjura jew ċikkulata ma kinux jonqsu.

Kellu strateġiji kif jixtri lil kulħadd. Kien jaf jagħżel ir-restoranti fini. L-inbid tajjeb. Ir-rigal preċiż.

Ma kienx jaf jgħid le meta l-priża kienet tipprova titbiegħed minn ħarstu. Kien jibqa' jippersisti.

Imma Marita ħadmitu. Dakinhar l-ewwel darba li weħel bl-unuri mill-eżami. Ma setax jifhem x'ġaralu eżatt dakinhar. Qatt ma jaf li hu umilja ruħu daqshekk. Imbagħad ma' mara. U fuq kollox ma' Marita li kienet mara u x'mara. Marita, il-mara li min jaf kemm irġiel xtaquha u ħolmuha.

Dakinhar ma xorobx wisq għax lil Marita ried igawdiha minn fuq s'isfel. Minn ponta sa ponta. Ried jibqa' jiftakar il-gost li se tagħtih. It-twerżiq li kien se jwerżaq.

Ma kienx se jkollu wisq opportunitajiet magħha. Għax hi kienet tixbhu. Port miftuħ. B'wieħed ġej u ieħor sejjer. Kien tgħix għall-pjaċir. Kellha kollezzjoni sħiħa ta' rġiel. Skont l-aptit u l-okkażjoni.

Dakinhar ried iduq l-eternità. Kien ilu li mmarkaha. Kienet pilastru ta' ġmiel. Xi ħaġa aqwa mill-perfezzjoni. Ħareġ magħha. Ħadu gost. Sa offrietlu l-kamra tas-sodda tagħha stess. It-taraġ telgħuh sitta sitta dakinhar. Il-lift kien ilu jumejn bil-ħsara. Bil-ġenn li kellhom għal xulxin lanqas il-bieb ta' barra ma għalqu warajhom.

B'idejh, f'idejha ħaditu b'ġirja u b'kilba kbira lejn il-kamra tas-sodda tagħha. Kien kollox f'postu. Donnha kienet taf li kien ġej.

Fi ftit sekondi esponietlu ġisimha; meravilja perfetta. *X'Michelangelo*, ħaseb! Wara bdiet tneżżgħu bil-ħatfa. Tieħu gost bil-muskoli ta' dirgħajh, in-nuqqas ta' xaħam madwar qaddu, għajnejh imqarba ...

Dik il-lejl mar id-dar jisħet xortih. Jisbel kontra tiegħu nnifsu u kull min jgħammar fis-sema. Għal xi raġuni l-għerq sinjur, kif kien iħobb isejjaħlu, ma riedx jaf dik il-lejla.

Ġabar ħwejġu u telaq jilbes fit-taraġ mingħajr il-kuraġġ li jtiha mqar titwila tal-aħħar.